MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 51/2013

**Ottila Attard (ID 280065M)**

**vs**

**Gino Gauci (ID 123183M)**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk;

Illi hija sid il-fond ossia hanut bl-isem ‘Admiral Pub/Snack Bar’ fi Triq San Pawl il-Bahar, San Pawl il-Bahar, liema fond inkera lill-intimat fl-10 ta’ Marzu 2006. Illi l-kera dovut huwa ta’ €665 fix-xahar u l-iskadenza li jmiss hija dik ghax-xahar ta’ Gunju, 2013;

Illi l-intimat kiser il-kondizzjonijiet tal-kera u dan peress li huwa baqa’ morz fil-hlas ta’ hames skadenzi minn Jannar 2013 sa Mejju 2013 minkejja li nterpellat;

Illi inoltre l-intimat issulluka l-fond lilu mikri lil terzi bla permess tas-sid;

Ghalhekk, l-esponenti qed titlob b'rispett lil dan l-umli Bord sabiex joghgbu jiddikjara li l-intimat kiser il-kudizzjonijiet tal-kirja u konsegwentement tordna lill-esponenti tirregoli l-pussess tal-fond propjeta' taghha u dan fi zmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjez.

Semgha l-ammissjoni tal-inkwilin prezenti fl-awla fis-seduta tal-14 t'Ottubru, 2013 li ddikjara ukoll illi ghandu bzonn biss hmistax-il jum biex jizgombra l-fond;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Il-Bord ghalhekk jilqa' t-talba tar-rikorrenti u ghal fini ta' zgumbrament qed jipprefigi zmien hmistax-il jum (15) mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------